## X'inhu l-logħob tal-ażżard?

Kull forma ta' mħatra jew logħob tax-xorti fejn jintlagħbu flus, propjetà jew oġġetti oħra, ikun kemm ikun il-valur, titqies bħala logħob tal-ażżard.

## Tipi ta' logħob tal-ażżard

- Magni/kaxxi tal-logħob tal-*poker* jew *fruit machines*
- Logħob fil-każinò bħal *blackjack* jew ir-*roulette*
- Imħatri fuq tiġrijiet taż-żwiemel, tal-klieb u futbol u *sports* ieħor
- Imħatri/każinòs fuq l-internet
- Logħob tal-karti
- Lottu u *scratch cards*
- Tombla
- Biljetti f'lotteriji

## Livelli ta' logħob tal-ażżard

**Soċjali**

- għall-pjaċir jew biex tissoċjalizza

**Bil-Qawwi**

- tilgħab ta' spiss u/jew somom kbar ta' flus; il-burdata tinbidel skont jekk tkunx irbaħt jew le

**Problematiku**

- tonqos il-kapaċità li tgħid le għall-impuls li tilgħab

**Patoloġiku**

- ma tkunx kapaċi tirreżisti l-impuls li tilgħab



Fil-każ ta' logħob tal-ażżard bil-qawwi, problematiku jew patoloġiku, għandek titkellem ma' persuna professjonali.

## Jekk tilgħab ...

1. Taħseb spiss fuq il-logħob tal-ażżard (eż. iġġib quddiem għajnejk esperjenzi tal-passat fejn kont qed tilgħab, taħseb fuq x'ċans hemm li tirbaħ, tippjana meta se terġa' tilgħab jew taħseb kif u minn fejn se ġġib flus biex tkun tista' tilgħab)?
2. Tħoss il-bżonn li żżid l-ammont ta' flus li tonfoq fuq il-logħob tal-ażżard biex tħoss l-eċċitament li tixtieq?
3. Ġieli ppruvajt tikkontrolla, tnaqqas jew tieqaf kompletament mil-logħob tal-ażżard imma ma rnexxilekx?
4. Tħossok bla sabar jew irritat/a meta tipprova tikkontrolla, tnaqqas jew tieqaf kompletament mil-logħob tal-ażżard?
5. Ġieli mort tilgħab biex tipprova taħrab minn xi problema jew biex twarrab is-sens ta' nuqqas ta' kontroll, is-sens ta' ħtija, ansjetà jew dipressjoni?
6. Meta titlef, tħoss li għandek terġa' tilgħab kemm jista' jkun malajr biex tirbaħ dak li tkun tlift?
7. Ġieli gdibt lil tal-familja, terapisti jew oħrajn biex taħbi l-verità fuq kemm qed tilgħab?
8. Il-logħob ġieli kkawżalek problemi fil-familja, f'relazzjonijiet importanti, fuq il-post tax-xogħol, l-iskola jew fil-karriera tiegħek?
9. Ġieli kellek tissellef flus mingħand ħaddieħor biex issolvi problemi finanzjarji kkawżati mil-logħob tal-ażżard?



Jekk weġibt **IVA** għal erbgħa jew aktar mill-mistoqsijiet ta' hawn fuq, jista' jkun li l-logħob tal-ażżard m'għadux biss għall-pjaċir imma pjuttost qed jikkawżalek problemi. Jekk weġibt **IVA** għal tnejn jew tlieta, jista' jkun li għandek problemi marbutin mal-logħob.





**Dak li jkun jista' jiddeċiedi li jfittex l-għajnuna minħabba diversi raġunijiet li jistgħu jkunu:** emozzjonali, personali, finanzjarji, familjari, relazzjonijiet importanti, saħħa, effetti negattivi fuq ix-xogħol jew studju, ħajja soċjali u legali/problemi mal-liġi.

**X'inhuma r-raġunijiet tiegħek?**

**Skopri x'inhuma u fittex l-għajnuna mingħand waħda minn dawn l-entitajiet:**

**Aġenzija Sedqa - 23885110**
**OASI - 21563333**
**Gamblers Anonymous - Caritas - 25906600**

**Jekk xi persuna għażiża għalik qed tilgħab ...**

Qed tħoss **sens ta' telfa**, tħossok **ixxukjat, konfuż, ittradut, beżgħan, ħati, irrabjat, aggressiv** jew **imdejjaq minħabba** li skoprejt li din il-persuna għandha problema tal-logħob tal-ażżard?

Huwa normali li tħossok hekk. Forsi qed tistaqsi lilek innifsek, "X'nista' nagħmel f'din is-sitwazzjoni, kif l-aħjar niffaċċja din il-problema"?

Il-logħob tal-ażżard jaffettwa kemm lil dawk li jilagħbu, kif ukoll lil dawk ta' madwarhom, finanzjarjament, emozzjonalment, fiżikament u mentalment.

It-tfal jintlaqtu wkoll mil-logħob tal-ażżard u jistgħu jesperjenzaw taħlita ta' emozzjonijiet bħal rabja, dwejjaq, dipressjoni u sens ta' ħtija. Xi drabi jitfgħu il-ħtija fuqhom infushom għall-problemi li l-logħob tal-ażżard ikun ġab fil-familja. Jekk dawn il-problemi jippersistu t-tfal jistgħu jippruvaw jiġbdu l-attenzjoni billi, pereżempju, jixorbu b'mod eċċessiv jew jabbużaw mid-droga, ifittxu l-logħob tal-ażżard huma stess jew ikollhom problemi mal-pulizija.

sedqa

Il-ħajja mhix logħba! Tħallix il-logħob tal-ażżard jilagħbek!
Ħu ċans fid-direzzjoni t-tajba billi **tieħu parir.**


**AĠENZIJA SEDQA - SERVIZZI TA' PREVENZJONI**
4, Triq Braille, Santa Venera SVR1690
Tel: 2388 5110 Email: sedqa@gov.mt
**SUPPORTLINE 179**
**www. sedqa.gov.mt**


Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali



sedqa

# Il-ħajja mhix logħba!

Tħallix il-logħob tal-ażżard jilagħbek!